IL-MANIFEST TAL-FORUM TAL-PAZJENTI EWROPEJ

GĦALL-ELEZZJONIJIET EWROPEJ 2014

IL-PAZJENTI + IL-PARTEĊIPAZZJONI =

# IL-VOT TAGĦNA

## GĦAL EWROPA AKTAR B'SAĦĦITHA

### IL-FEHMIET TAL-PAZJENTI JGĦODDU.

Aħna, pazjenti ta' kull età u ta' kull kondizzjoni, ngħixu ta' kuljum bil-mard kroniku tagħna u nużaw is-servizzi tas-saħħa regolarment. Aħna għandna perspettiva unika dwar il-kura tas-saħħa. Aħna esperti dwar x'jgħodd għalina u dak li ma jgħoddx għalina. Aħna nistgħu għalhekk niggwidaw lil min **jagħmel** (ifassal) il-politika, dwar kif jistgħu joffru kura ta' kwalità tajba, li tista' tkun ukoll **ekonomika**.

➔ **JINVOLVU L-PAZJENTI B'MOD KOLLETTIV U PRO-ATTIV FID-DEĊIZJONIJIET LI JIEĦDU, BIEX PERMEZZ TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAGĦHOM, JIŻGURAW LI L-POLITIKA U L-PRATTIĊI KOLLHA LI JFASSLU JKUNU JIRRIFLETTU L-BŻONNIJIET, L-GĦAZLIET U L-KAPAĊITAJIET REALI TAL-ĦAJJA TAL-PAZJENTI.**

### PAZJENTI ABILITATI (B'ĊERTU ĦILIET) HUMA TA' VALUR GĦAS-SOĊJETÀ.

Aħna rridu nkunu msieħba sħaħ fl-immaniġġjar tal-kundizzjonijiet tagħna skond il-kapaċitajiet individwali tagħna u s-sitwazzjoni li nkunu fiha. Għandna bżonn li jkollna l-kapaċita' (l-għodda/ il-mezzi) li nagħmlu dan. Sabiex wieħed ikollu s-setgħa (l-kapaċita') li jagħmel dan, irid ikollna informazzjoni ta' kwalità għolja u l-litteriżmu (l-għarfien meħtieġ dwar il-kura tas-saħħa), mfassla apposta biex inkunu nistgħu nagħmlu għażliet infurmati dwar it-trattament u l-kura tas-saħħitna. Pazjenti abilitati huma ta' ġid għas-sistemi tas-saħħa. Aħna naqsmu r-responsabbiltà għall-kura tagħna flimkien mal-professjonisti tas-saħħa. Aħna nieħdu wkoll miżuri preventivi, infittxu li tingħatalna dijanjosi kmieni kemm jista' jkun u naċċettaw il-kura li tingħatalna, u li, wara kollox, dan kollu jista' jwassal għal tnaqqis fl-ispiża tal-kura tas-saħħa (fuq medda ta' zmien).

➔ **JADOTTAW XI STRATEĠIJA TAL-UE DWAR SETGĦAT (IL-KOMPETENZA) TAL-PAZJENT, LI TKUN TINKLUDI PJAN TA' AZZJONI DWAR L-GĦARFIEN TAL-KURA TAS-SAĦĦA U INFORMAZZJONI TA' KWALITÀ GĦOLJA GĦAL PAZJENTI FUQ L-ASPETTI KOLLHA TAL-KURA TAGĦNA.**

### JITNEĦĦEW L-OSTAKLI GĦALL-AĊĊESS

L-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità huwa dritt bażiku taċ-ċittadini ta' l-UE. Madankollu, għal ħafna minna, dan għadu mhux realtà - sitwazzjoni li kull ma jmur qed issir agħar minħabba l-kriżi ekonomika. L-Aċċessibilita' tfisser id-disponibbiltà ta' kura medika, iżda tfisser ukoll affordabbiltà tagħha (kemm nistgħu nifilħuha/naffordjawha). L-Aċċessibilita' tfisser ukoll li ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Il-pazjenti kollha fl-UE jistħoqqilhom aċċess indaqs għall-kura ta' saħħithom. Li nkissru (nwarrbu) n-nuqqas ta' l-ugwaljanzi fis-settur tas-saħħa jagħmel wkoll tajjeb għas-sistemi tas-saħħa. Jekk aħna ma niksbux fil-ħin il-kura li jkollna bżonn, nistgħu nimirdu b'mard aktar serju, filwaqt li nnaqqsu l-kapaċità tagħna li ngħixu ħajja twila u produttiva, u nkunu qed inżidu l-ispiża tal-ħajja soċjali u ekonomika u dik tal-kura ta' saħħitna. Lkoll kemm aħna jistħoqqilna li ningħataw l-opportunità biex nikkontribwixxu għas-soċjetà tagħna.

➔ **JAPPOĠĠJAW XI INIZJATTIVA TAL-UE DWAR L-AĊĊESSIBILITA' GĦAL KURA TAS-SAĦĦA NDAQS GĦAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ KOLLHA, PERMEZZ TA' PJATTAFORMA LI TIĠBOR FIHA L-IMSIEĦBA U L-PARTIJIET KOLLHA KKONĊERNATI.**

### L-INVOLVIMENT TAL-PAZJENT = EWROPA AKTAR B' (F')SAĦĦITHA

**Aħna, il-pazjenti, li nuzaw is-sistemi tal-kura tas-saħħa, ninħtieġu li nkunu involuti fit-tfassil ta' kura tas-saħħa aktar effettiva u f'riċerka li tipprovdi trattamenti ġodda u aħjar. Involviment tal-pazjent aktar attiv fil-qasam tar-riċerka għandu jwassal għal trattamenti ta' valur reali. Sistemi tas-saħħa, fejn il-kura tkun ħolistika (mogħtija b'mod integrat) u ffukata fuq il-pazjent, iwassluna għal kwalità ta' ħajja aħjar, kemm għalina, kif ukoll għal dawk li jduru bina, u jipprovdulna kura tas-saħħa aktar ekonomika, ġusta u li tkun sostenibbli għal kulħadd. Fi kliem ieħor, ikollna Ewropa aktar f'saħħitha.**

➔ **JIŻVILUPPAW QAFAS ĊAR GĦALL-INVOLVIMENT TAL-PAZJENT FL-ASPETTI KOLLHA TAR-RIĊERKA DWAR IS-SAĦĦA, PERMEZZ TAĊ-ĊIKLU KOLLU FIS-SENSIELA TA' L-INNOVAZZJONI.**

➔ **JIŻGURAW LI D-DRITTIJIET TAL-PAZJENTI JKUNU JIFFURMAW PARTI MILL-MANIFEST TAL-KUMMISSARJU TAS-SAĦĦA PROSPETTIV.**

I SUPPORT THIS MANIFESTO
www.eu-patient.eu/whatwedo/EPFCampaign2014EUElections

EPF European Patients Forum

With support of the Malta Health Network (MHN)